# BEATU NAZJU FALZON
## *devot kbir tal-Patrijarka San Ġużepp*

**kitba ta' Amy Buhagiar**

Minħabba li din is-sena s-Sotto-Kumitat tal-Armar fi ħdan is-Soċjetà tagħna ħaseb biex jibda' jżanżan s-sett ta' bandalori ġodda ta' Pjazza Sagra Familja, ħsibna li nagħtu xi informazzjoni dwar l-ewwel pittura: dik tal-Beatu Nazju Falzon.

Nazju Falzon twieled fl-1 ta' Lulju ta' l-1813. Missieru kien l-avukat Ġużeppi Falzon li aktar tard kien leħaq ukoll bħala mħallef, u ommu kien jisimha Marija Tereża Debono. Huwa kellu wkoll tliet ħutu oħra, kollha subien. Dawn kienu: Dun Franġisk, Dun Kalċidon u Antonju li kien avukat. Il-familja Falzon kienet tgħix f'dar fil-Belt Valletta.



### Il-Ħajja ta' Nazju Falzon

Ta' 21 sena, Falzon kien illawrejat avukat u duttur tal-Liġi Kanonika. Ir-raġuni galiex huwa sar avukat kienet biex ikun jista' jagħti servizz lill-foqra bla ħlas.

Nazju Falzon wettaq il-ħidma bl-għan spiritwali ġewwa Strada Stretta fil-Belt. Peress li f'Malta f'dak iż-żmien kien ikun hawn ħafna baħrin u suldati, Falzon kien beda jlaqqahom u beda l-ħidma tiegħu ta' konverżjoni tal-baħrin u s-suldati. Huwa ddedika ħajtu għall-appostolat tat-tagħlim tal-Katekiżmu tal-kbar kif ukoll tat-tfal.

### Id-Devozzjoni lejn San Ġużepp

Nazju Falzon, kif ukoll il-familja kollha tiegħu, kellhom devozzjoni kbira lejn il-Patrun tal-Knisja Universali San Ġużepp.

Id-devozzjoni kbira li Nazju Falzon kellu għal San Ġużepp tista' tixidha Swor Orsla Mamo, reliġjuża professa tal-Monasteru ta' Sant' Orsla. Swor Orsla tgħid li: "Il-Qaddej ta' Alla (Nazju Falzon) kellu devozzjoni qawwija lejn San Ġużepp u qabel il-festi tiegħu kien jagħmel novena u tul dawk il-jiem isum." Nazju Falzon kellu tassew devozzjoni kbira u profonda lejn il-prottetur tagħna u Kap tas-Sagra Familja. Il-Qaddej t'Alla, kif issejaħlu Swor Orsla, kellu kwadru ta' San Ġużepp li dejjem kien ikun iridu bid-dawl jixgħel u fl-aħħar waqtiet ta' ħajtu kien dan l-istess kwadru li huwa żamm ma' sidru.

### Grazzji maqlugħa

Nazju Falzon wara l-mewt tiegħu qala' bosta grazzji lil bosta nies differenti. Fosthom insibu: fl-1957 f'Ħal Qormi tfajjel fil-periklu li jitlef għajnu, u grazzja oħra lil tfajjel ieħor ta' erba' snin mill-Belt Valletta fejn kienu ser jaqtgħulu sebgħu ta' idu. Anke f'Birkirkara fl-1985 raġel isalva qawwi u sħiħ f'inċident ikrah tat-traffiku.

Iżda l-miraklu li bih il-Papa Ġwanni Pawlu II għamlu beatu kien meta s-Sur Anthony Gambin fit-3 ta' Ġunju ta' l-1981 kienet saritlu operazzjoni u nstab li kellu tumur kbir daqs ta' ras ta' tarbija fl-istonku tiegħu! It-tabib qal lil martu li s-Sur Anthony Gambin ma tantx kien għad fadallu ħajja. Wara din l-aħbar, Patri Beneditt Ellul Mercer O.F.M kien mar jarah u tah santa ta' Nazju Falzon u qallu biex jitlob dejjem fuqha.

Fl-10 ta' Frar 2001, ħames mediċi eżaminaw dan il-fejqan u stqarrew li l-mediċina ma għandha l-ebda spjegazzjoni għalih. Dan il-fejqan kien ġie ddikjarat mill-Vatikan li hu miraklu.

Fid-9 ta' Mejju 2001 il-Papa Ġwanni Pawlu II waqt żjara f'Malta ddikjarah bħala beatu flimkien ma' tnejn oħra: Marija Adeodata Pisani kif ukoll Dun Ġorġ Preca.


**Referenzi**
Website tal-Vennazfal.
*Glorja tal-Kleru Malti*, P. Marjanu Vella O.F.M.
*Nazju Falzon*, In-Nazzjon, 9 ta' Mejju, 2001.